# L-Iskola Primarja Gudja



*Kitba ta'*
**Loreto J. Dalli**

Kien Dun Ġwann Grech, qassis mill-Gudja li għamel l-ewwel talba formali lill-Isqof Mons. Alpheran de Bussan biex issir l-ewwel skola, fir-raħal tagħna. Il-permess għall-ftuħ ta' din l-iskola sar fit-30 t'April 1735. Madanakollu, l-iskola fetħet ferm aktar tard fil-Gudja, anke għaliex il-popolazzjoni dak iż-żmien kienet waħda żgħira ħafna.

Ta' min jgħid li ried jgħaddi żmien mhux ħażin biex titwaqqaf l-iskola primarja fir-raħal tal-Gudja. Kien proprju fi żmien l-Ingliżi, jew aħjar fl-1860, li sar dan. Jiġifieri wara l-miġja tal-Kummissjoni Ngliża ta' l-1836, li nfetħu diversi skejjel primarji sew f'Malta u anke f'Għawdex.

Fiż-żmien li fetħet l-iskola Primarja tal-Gudja, id-Direttur ta' l-Iskejjel Primarji kien Rev. Dun Pawl Pullicino u kien hu stess li fetaħ l-iskola tal-Gudja. Fil-fatt l-iskola bdiet tiffunzjona f'Diċembru tas-sena 1860. L-ewwel surmast tagħha kien is-Sur Ġakkinu Bonnici Caruana, u bħala Signora kien hemm Concetta Dimech.

Ta' min jgħid li fl-ewwel ġranet ta' l-iskola fir-reġistru dehru li kienu jattendu 144 student u studenta, imma fil-fatt kienu biss 127 l-istudenti li kienu qed jattendu l-iskola. Ta' min ifakkar li dak iż-żmien l-attendenza fl-iskejjel ma kinitx obbligatorja kif inhi llum.

X'ġara 14-il sena wara? 14-il sena wara l-attendenza niżlet għall-80 student. Kienu bosta l-fatturi li wasslu għal dan it-tnaqqis. Fost dawn, għal bosta familji kien ikun aħjar jekk il-bniet jibqgħu id-dar jgħinu fix-xogħol tad-dar, filwaqt li x-xogħol tar-raba kien jiġi qabel kull ħaġa oħra.

Statistika li nġabret fl-1910 turi li l-ammont ta' studenti li kienu jattendu l-iskola kien ta' 76 student. Fis-sena ta' wara jiġifieri, s-sena skolastika ta' bejn l-1911–1912 naqsu 4 studenti oħra. L-attendenza fl-iskola primarja tal-Gudja kienet temporanjament affettwata minħabba li f'dak iż-żmien kienet qed tinfirex il-ħożba. Dan iseħħ, fix-xhur ta' bejn Ottubru u Novembru ta' l-1911.

F'dawk iż-żminijiet l-ewwel skola tar-raħal kienet fil-bidu ta' *Main Street* (Triq il-Kbira), lejn in-naħa tal-Palazz ta' Bettina, fil-post magħruf bħala ta' Konċilju, li kien jikkonsisti f'dar kbira mhux ħażin. In-numru ta' din id-dar kien 12, Triq il-Kbira (ta' dak iż-żmien).

Aktar tard l-iskola fil-Gudja ċċaqalqet għall-post ieħor, aktar ċentrali fir-raħal tal-Gudja, eżattament quddiem il-Kappella tal-Lunzjata. Dan sar fis-snin 1921–1922.

Fl-1924, l-iskola saret żgħira wisq għall-ħtiġijiet tar-raħal u t-tfal tal-klassi tal-kbar kellhom jibdew jattendu fl-iskola ta' Ħal Luqa. Ommi, li kieku baqgħet ħajja, illum għandha 95 sena, kienet waħda mit-tfal li kellhom jibdew imorru Ħal Luqa.

Sentejn wara, jiġifieri fl-1926 iċċaqalqu l-għalliema ta' l-iskola u dan affettwa ħażin ħafna t-tagħlim. Fil-fatt, fis-27 ta' Jannar ta' din is-sena il-Kurunell William Savona ressaq petizzjoni li kienet bl-Ingliż fuq il-mejda tal-Kamra dwar il-qagħda ħażina li kienet tinsab fiha l-Iskola tal-Gudja.

Ir-raħal tal-Gudja f'dawk iż-żminijiet kien mingħajr drenaġġ u lanqas kien hawn elettriku. Dan ifisser li l-mod li biha kienet tiddawwal l-iskola kien diffiċli ħafna. L-iskola kienet tiġi mixgħula b'lampi tal-pitrolju, li kienu ta' periklu kontinwu għat-tfal. Niftakar tajjeb ħafna l-lampi tal-pitrolju fl-iskejjel u anke ir-Rediffusion li kien hemm fil-klassijiet.

Aspett pożittiv ħafna għall-iskola primarja fil-Gudja kien meta fl-21 ta' Frar 1949 l-istaff ta' l-iskola beda jorganizza attivitajiet wara l-ħin ta' l-iskola. Ewlenin fost dawn kien hemm is-segwenti għalliema:

Ms. M.A. Azzopardi, Ms. E. Azzopardi, Ms. F. Spiteri, Ms. M.A Sghendo u Ms. C. Dalli flimkien ma' Mr. J. Bugeja u Mr. J. Baldacchino.

Minħabba n-nuqqas ta' spazju fl-iskola fl-1949, eżattament fis-7 ta' Ġunju (is-Sette Gugnio) sar ftehim mal-Kappallin tar-raħal Dun Anton Rapa biex il-kappella tal-Lunzjata tibda tintuża bħala klassi, peress li kienet qiegħed quddiem l-iskola, u kważi kienet parti mill-iskola għax kull ma kien hemm bogħod kienet triq li tifred iż-żewġ binjiet.

Fil-bidu tas-snin ħamsin (1951–1954) bdiet tinbena skola ġdida

fir-raħal tal-Gudja li għadha taqdi l-funzjonijiet ta' skola primarja sal-ġurnata tal-lum. (2007)

Ix-xewqa tal-poplu Gudjan li jkollu skola moderna, saret realtà u kien fis-26 t'April 1951 li x-xogħol fuq il-bini ta' l-iskola l-ġdida beda. L-imgħallem tax-xogħol kien Karmelo Farrugia mill-Gudja stess. Għaċ-ċerimonja tat-tqegħid ta' l-ewwel ġebla kien preżenti l-Prim Ministru ta' dak iż-żmien Dr. George Borg Olivier.

F'April 1953, l-iskola tal-Gudja kienet lesta minn kollox u filfatt fl-1 t'April inġarret l-għamara kollha mill-iskola l-qadima għall-iskola l-ġdida. Fid-19 t'April wara l-vaganzi ta' l-Għid, is-surmast u l-istaff kollu żanżnu l-iskola taż-Żebbuġa, llum l-Iskola William Baker, f'ġieħ l-arkitett tal-kampnar il-qadim tal-Parroċċa tal-Gudja.

Sitt xhur wara, fl-1 ta' Diċembru saret iċ-ċerimonja ta' l-inawgurazzjoni uffiċjali ta' l-iskola l-ġdida. Fil-għodu saret quddiesa li matulha tqarbnu ħafna mit-tfal. Fl-10.30 ta' fil-għodu l-Onor. Dr. C. Caruana għamel diskors ta' l-okkażjoni u wara sar it-tberik mill-Arċisqof Mikiel Gonzi. Il-Kor tat-tfal taħt id-direzzjoni ta' l-għalliema Ms C. Dalli kanta l-Innu Malti u l-Innu tal-Papa.

Ftit, ftit l-iskola bdiet tieħu r-ruħ u bdiet tiffunzjona sewwa u ferm aħjar minn qatt qabel. It-tfal issa kellhom *playground* sew fejn setgħu jirrikrejaw ruħhom. Kien hemm ukoll palk għad-drama u anke librerija, li kienet tiftaħ wara l-ħin ta' l-iskola u li kienet f'data f'idejn is-Sur Dwardu Buttigieg minn Ħal Għaxaq. Dan kollu sar fi żmien is-Surmast William Hersey li serva ta' Surmast f'din l-iskola għal għadd ta' snin. Jien personalment, niftakru bħala persuna ta' dixxiplina kbira ħafna.

Meta l-edukazzjoni sekondarja saret obbligatorja fil-bidu tas-snin sebgħin, din ħalliet effett fuq l-iskejjel primarji kollha. Filfatt





fil-Gudja n-numru ta' klassijiet niżel għal disgħa u sentejn wara n-numru ta' klassijiet niżel għal sitta. F'dawn iż-żminijiet iżda l-popolazzjoni fil-Gudja naqset ukoll. F'Ottubru ta' l-1975 infetħet l-ewwel klassi tal-kindergarden, b'19-il tifel u tifla. Minn dan iż-żmien 'il quddiem l-iskola tal-Gudja bdiet miexja sew meta mqabbla ma' rħula oħra u ħafna attivitajiet bdew jittellgħu b'mod regolari u fuq skala akbar.

Fid-9 ta' Diċembru 1977 saret esebizzjoni fl-iskola li kienet inawgurata mill-membru Parlamentari Gudja l-Onor. John Dalli (preżentament, huwa l-President Onorarju tas-Soċjetà tagħna). Sena wara, f'Mejju ta' l-1978, twaqqfet għall-ewwel darba l-Assoċjazzjoni tal-ġenituri u l-għalliema, fejn permezz ta' din l-għaqda sar ħafna ġid għall-iskola u anke għar-raħal ċkejken tagħna. Li llum il-ġurnata jkolli ngħid li qed jikber mhux ħażin ferm aktar minn kif niktakru fi tfuliti.

Fis-sena skolastika 1981–1982 l-iskola bdiet tagħti s-servizzi tagħha lill-komunità lokali Gudjana biex isiru l-attivitajiet fiha. Iżda kien sa mis-snin 70 li t-tim tal-futbol tar-raħal tal-Gudja, il-*Gudja United* kellu l-permess juża l-grounds ta' din l-iskola għat-taħriġ tal-ballun.

Ċerimonja ħelwa kienet saret nhar il-Kunċizzjoni tat-8 ta' Diċembru 1983 meta kienet imbierka l-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes fil-bitħa ta' l-iskola. Fl-1900 saret għall-ewwel darba l-Book Fair f'din l-iskola. Kien f'dan iż-żmien ukoll meta l-iskola ngħatat l-isem ta' William Baker, għall-arkitett minn Sheffield li tagħna d-disinn tal-kampnar il-qadim tal-Knisja tagħna.

Il-bidu tas-sena skolastika 2003/2004 kien ukoll il-50 anniversarju mill-ftuħ ta' l-iskola primarja tal-Gudja u allura saru bosta attivitajiet biex jfakkru l-mixja tul is-snin ta' din l-iskola fir-raħal tagħna. Sa dan iż-żmien l-iskola kienet ippreparat ruħha sew għaż-żminijiet tal-lum. Jiġifieri għall-użu tal-*computer network* permess tal-MITTS, fejn daħlu *computers* f'diversi klassijiet u anke fl-uffiċju tal-Kap ta' l-Iskola. Il-*computer* illum il-ġurnata huwa biċċa għodda mportantissima fil-ħajja ta' kull student u ta' kull skola fil-ħajja mgħaġġla tal-lum.

Dan l-artiklu nkiteb b'dedika lil kull min ta sehmu fit-tkattir ta' l-edukazzjoni fir-Raħal tal-Gudja.

Kitba Edukazzjoni fil-Gudja. Kanonku Joe Abela, Żejtun Dipartiment ta' l-Edukazzjoni.